# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 47/2014 SG**

**Joseph Formosa**

**vs**

**John Mary sive Jimmy Muscat**

**Illum It-Tlieta, 22 ta' Settembru 2020**

Il-Qorti;

**<u>Preliminari</u>**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Joseph Formosa ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2014 fejn ġie premess:

1. Illi fil-bidu tas-sena 2014, l-attur gie avviċinat mill-konvenut John Mary sive Jimmy Muscat sabiex jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond propjetà ta' l-istess konvenut f'Wied San Leonardu, limiti tax-Xagħra, Għawdex;

2. Illi l-attur kellu jieħu ħsieb it-tkomplija tax-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fuq l-imsemmi fond li kienu jinkludu l-bini ta' garaxx, ħtian, numru ta' kolonni kif ukoll it-tkomplija tas-sular ta' fuq;

3. Illi f'dan ir-rigward, il-partijiet kienu qablu fuq il-prezzijiet u r-rati li bihom kellu jitħallas ix-xogħol, kopja ta' liema rati qed tiġi hawn annessa bħala Dok. A, kif ukoll sar qbil dwar il-modalità tax-xogħol kollu li kellu jsir fuq l-imsemmi sit;

4. Illi l-partijiet ftehmu li l-ħlas tax-xogħol kellu jsir permezz tar-rati pre stabbiliti u mhux bil-ġurnata tax-xogħol, għajr biss dawk ix-xogħolijiet li ma jistgħux jiġu mkejjla permezz ta' rati;

5. Illi sussegwentement, l-attur beda x-xogħolijiet mertu tal-ftehim bejn il-partijiet fuq is-sit in kwistjoni fi Frar tas-sena 2014, liema xogħolijiet kienu qed isiru taħt id-direzzjoni tal-Perit AIC Emanuel Vella;

6. Illi l-attur kellu jieħu ħsieb ix-xiri tal-materjal kollu neċessarju sabiex ikunu jistgħu jiġu eżegwiti x-xogħolijiet relattivi;

7. Illi fil-frattemp, ix-xogħolijiet bdew għaddejjin b'ritmu tajjeb illi sa nofs April tas-sena 2014 l-attur kien ġia lesta x-xogħolijiet kollha fil-pjan terran tal-fond imsemmi;

8. Illi jirriżulta li l-uniku ħlas li qatt għadda l-konvenut lill-attur kien pagament ta' elf Euro (€1,000.00) fl-għoxrin (20) ta' Marzu, 2014, kif jidher minn kopja ta' riċevuta hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

9. Illi minkejja li l-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut kellu żmien minn żmien għal żmien jgħaddi pagamenti akkont, il-konvenut qatt ma reġà ottempra ruħu f'dan ir-rigward;

10. Illi da parti tiegħu l-attur talab numru ta' drabi lill-konvenut sabiex jaqtà parti mill-kontijiet li issa kienu qed jitelgħu ġmielhom in vista tal-istat avvanzat tax-xogħolijiet li kienu jinsabu fihom, liema xogħolijiet li kien inkarigat jagħmel mill-konvenut;

11. Illi minkejja dan kollu l-konvenut dejjem baqa' indempjenti u qatt ma għadda ħlas akkont lill-attur;

12. Illi eventwalment, l-attur bi qbil ma' l-istess konvenut inkariga lis-surveyor Salvu Bonello sabiex ikejjel ix-xogħolijiet u jaħdem il-kontijiet relattivi għall-bini tal-livell terran u dan wara li ġew provduti l-prezzijiet relattivi li kienu ġew miftehma bejn il-partijiet kontendenti;

13. Illi l-kont relattiv għax-xogħol eżegwit ġie fformulat u ingħata lill-konvenut, fl-ammont ta' dsatax-il elf, ħames mija u sitta u għoxrin Euro u tlieta u tmenin

ċenteżmu (€19,526.83) - kopja tal-kont relattiv flimkien mal-kejl tax-xogħolijiet qed tiġi hawn annessa bħala Dok. C;

14. Illi minkejja li l-attur avviċini diversi drabi verbalment lill-konvenut sabiex jagħmel jagħmel il-ħlas a saldu tax-xogħolijiet eżegwiti, tali hlas baqà ma sarx;

15. Illi għaldaqstant, l-attur kien kostrett illi jinterpella lill-konvenut permezz ta' Ittra Uffiċċjali Nru. 243/2014 liema ittrà uffiċċjali ġiet debitament notifikati lill-konvenut nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju, 2014 kopja ta' liema Ittra Uffiċċjali qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D, u minkejja dan kollu l-istess konvenut qatt ma rrisponda u baqà inadempjenti;

16. Illi eventwalment il-konvenut beda jilmenta illi l-kejlijiet ma tteħdux korrettament u għalhekk l-istess attur regà inkariga lill-istess surveyor Salvu Bonello sabiex fil-preżenza ta' l-istess konvenut jerġà jieħu l-kejl tax-xogħolijiet;

17. Illi l-kont ġie debitament redatt mill-istess surveyor Salvu Bonello fl-ammont ta' dsatax-il elf, mija u sitta u tletin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€19,136.17ċ) u dan skond kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. E;

18. Illi l-imsemmi kont intbagħat lill-konvenut permezz ta' ittra interpellatorja datata 10 ta' Ġunju, 2014, kopja hawn annessa bħala Dok. F, u minn dakinhar sa llum il-konvenut qatt ma indenja ruħu javvanza xi pagament in linea tax-xogħolijiet eżegwiti mill-istess attur;

19. Illi barra minn hekk il-konvenut beda jikkontendi li l-ħlas ma kellux isir skond ir-rati miftehma iżda skond il-ġurnata;

20. Illi in vista ta' dan kollu kellha tiġi intavolata din il-kawża sabiex isir il-ħlas dovut għax-xogħolijiet eżegwiti skond il-prezzijiet u l-kunduzzjonijiet hekk kif miftehma bejn il-partijiet;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' dsatax-il elf, mija u sitta u tletin Euro u sbatax-il ċenteżmu (€19,136.17ċ)

rappreżentanti l-ħlas dovut fuq xogħolijiet eżegwiti fis-sit f'Wied San Leonardu, limiti tax-Xagħra, Għawdex fuq inkarigu tal konvenut stess;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut fi ħlas tax-xogħolijiet eżegwiti fi żmien qasir u perentorju;

3. Tillikwida l-ammont ta' danni u telf ta' qliegħ skond il-liġi permezz ta' perit/I nominandi riżultanti minn telf ta' xogħol hekk miftiehem bejn il-partijiet, liema ftehim ma ġiex onorat da parti tal-konvenut;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont hekk likwidat f'danni u telf ta' qliegħ;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċċjali Numru 243/2014, u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. __/2014, ippreżentat kontestwalment, bl-imgħaxijiet legali u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subbizzjoni li għaliha minn issa jinsab imħarrek.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' John Mary sive Jimmy Muscat ipprezentat fis-7 ta' Novembru 2014 fejn ġie eċċepiet li:

1. llli preliminarjament it-talba tal-attur hija intempestiva stante illi sallum għadu ma ħareġ l-ebda kont li qabblu dwaru il-partijiet;

2. Illi in oltre ix-xogħolijiet magħmula mil-attur ma sarux kif ordnati u f'xi bnadi lanqas ma saru skont is-sengħa u l-arti tant illi minħabba tali nuqqas l-esponenti ser ikollu ibagħti il-konsegwenzi finanzjarji tal-istess xogħolijiet ħżiena u dank if ser jiġi kkostatat fil-kawża bl-assistenza ta' perit nominandi;

3. Illi in oltre assolutament ma hux minnu li l-attur kellu xi kuntratt jew ftehim ta' appalt fejn huwa ġie inkarigat biex jagħeml xogħolijiet oltre minn dak li fattwalment saru;

4. Illi ai termini tal-artiklu tal-158 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta il-konvenut jiddikjara

   a. Illi l-ewwel premessa ma hix ikkontestata.

   b. It-tieni premessa hi ikkontestata in kwantu l-attur qatt ma kien imqabbad biex ikompli s-sular ta' fuq iżda kien konsapevoli tal-fatt li l-bini li kellu jagħmel hu kellu jkun b'saħħtu biżżejjed biex ikun jiflaħ għal tali żvilup u

huwa għalhekk u għar-raġunijiet li ser jiġu pruvati tul il-kors tal-ġbir tal-provi t-tielet talba tal-attur hija totalment infondata.

c. Illi it-tielet premessa ma hix kontestata in kwantu l-konvenut qed jaqbel li kien intwera Dok A u li sar qbil dwar il-modalitijiet tax-xogħol pero l-konvenut jgħid li l-attur ma mexiex ma tali ftehim u mad-direzzjonijiet tal-Perit Emanuel Vella, kif kien il-ftehim bejn il-partijiet.

d. Ir-raba premessa hija ikkontestata statne illi il-ftehim kien wieħed informali u bil-fomm u ma kienx jispeċifika l-ebda rati. Il-ħames premessa ma hix kontestata. Is-sitt premessa hija ikkontestata u fil-fatt kien propju fuq disgwid rigward min jforni il-materjal li propjament sfaċċiet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Illi s-seba premessa trid tiġi verifikata; it-tmien premessa ma hix kontestata. Id-disa premessa hija kkontestata stante li ma kien l-ebda ftehim f'dan is-sens. L-għaxar, il-ħdax, it-tnax, it-tlettax u l-erbatax il-premessa huma kkontestati. Illi l-kumplament tal-premessi qed jiġu ikkontestati l-ħmistax u s-sittax u sbatax il-premessi huma ikkontestati stante li ma hemxx qbil ta' kif ġie redatt l-kont.

Għaldaqstant it-talbiet tal-attur għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

Bl-ispejjeż.

Salv eċċezzjonijiet oħra fil-fatt u fid-dritt.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-qorti hekk kif ippreseduta;

Rat li ġie verbalizzat għan-nom ta' l-attur fil-11 ta' Novembru 2015 illi fir-rigward tad-djarju li fuqu l-attur kien iżomm l-appunti, dan ma setax jinstab wara tiftix li sar.

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016, ġie verbalizzat li mart l-attur ġabet l-oriġinal tad-dokument A a fol. 7 tal-proċess, u spjegat li l-ftehim ta' mal-konvenut ġie redatt fuq din l-iskrittura billi qabel kollox hija għattiet il-prezzijiet standard li soltu jaħdmu bihom peress li Muscat ried prezzijiet speċjali.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

Rat li d-difensuri tal-partijiet baqgħu ma ppreżentawx noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom minkejja li l-Qorti għamlitha ċara li t-termini kienu perentorji u li fin-nuqqas sejra tipproċedi bl-għoti tas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**<u>Provi</u>**

**Il-Perit Emanuel Vella** xehed fil-11 ta' Diċembru 2014 fejn qal li ġie nkarigat minn Jimmy Muscat biex jeħodlu ħsieb ix-xogħol tar-razzett li kien ha jibni fi Triq San Anard limiti tax-Xagħra. Ix-xogħol kien jikkonsisti f' estensjoni ta' razzett eżistenti u ċioe' f'bini ta' ħitan u kolonni tal-konkos flimkien ma' tisqif. Spjega li dejjem ikkomunika ma' Jimmy Muscat iżda ġieli ċempillu l-bennej. Spjega li qabel il-bennej Joseph Formosa kien hemm bennej ieħor. Spjega li Joseph Formosa ġieli staqsih biex jagħtih il-ħadid għall-bejt jew għal kollonni u għalhekk huwa kien jagħmel sketch u jgħaddihielu. Ikkonferma li huwa kien imur fuq il-post skont il-bżonn. Huwa kkonferma li Formosa kien jimxi mal-pariri u struzzjonijiet li kien jagħtih.

Spjega li l-aħħar darba li aċċeda fuq is-sit kien meta Jimmy Muscat talbu jmur jara xi difetti fil-bejt u fit-travu. Huwa kien mar fuq is-sit. Spjega li Muscat kien ilmenta li kien hemm travu twil tal-konkos li ma kienx dritt u dana peress li xħin rabat, kien hemm l-aħħar kolonna tal-ġebel li saret ma għamlulhiex platform tal-konkos taħtha iżda saret tal-ġebel. Spjega li Muscat semma xi blajjet tat-twieqi li huma fl-għoli ma saqaf, fejn allegatament ma sarx ħadid. Qal li kien ġie muri 'flash beam' twil li ma kienx jilħaq san-naħa l-oħra u li x-xibka ma kinitx tasal fuq il-ħxuna tal-ħajt kollu. Semma li Muscat kien irrefera għal xi qasma fil-bejt. Huwa spjega li fir-rigwrad tat-travu li ma kienx dritt, dan kellu tul ta' madwar erbgħin pied. Il-varjazzjoni kienet ta' xi pulzier. Huwa kkonferma li ġieli jiġri li t-travu ma jiġix perfett dritt.

Huwa spjega li Muscat lmenta ħafna fuq travu li baqa' ma sarx u li suppost kellu jsir sabiex jifred il-ħajt ta' fuq biex b'hekk dan it-travu jkun jista' jżomm il-bini ta' fuq bil-konsegwenza li Muscat jkun jista' jiskava taħt dan il-maqjel. Spjega li huwa ma jafx jekk Muscat kienx ordna li dan ix-xogħol isir minn Formosa.

In **<u>kontroeżami</u>** huwa spjega li lil Joseph Formosa dak li seta' taħ kien pjanta tal-ħadid u anke ta' fejn irid. Spjega li ġieli kien jiġi Muscat għal pjanta sabiex imbagħad jagħtiha lil Formosa hu stess. Madanakollu, huwa spjega li Jimmy Muscat kien jiġi għandu. Spjega li huwa mar ma' Muscat biex jara l-ilmenti li kellu fuq ix-xogħol. Muri Dok. D u Dok. E, huwa spjega li l-ilment ta' Muscat kien li ried ikompli jqatta' l-blat

taħt il-bini eżistenti u ma sarx travu biex jista' jqatta' taħt il-ħajt. Kulma sar kien sar 'flash beam' biex iżomm is-saqaf. Spjega li biex ikun jista' iħammel, irid jagħmel kolonna fin-nofs jew inkella jsir travu ieħor minn taħt. Spjega li kif sar ix-xogħol, dan huwa b'saħħtu biex iżomm is-saqaf u l-bini ta' fuqu, imma biex ikompli jqatta' l-blat irid jagħmel xogħol ieħor. Muri Dok. A, Dok. B u Dok. B1, huwa spjega li dawn juru cracks u li huwa normali li l-konkos jiġbed u jaqta'. Spjega li fir-rigward ta' Dok. B, il-konkos kien sar f'darbtejn u għalhekk bilfors li se jagħżel il-konkos.
Dwar Dok. C, huwa spjega li hemmhekk jidher fejn hemm l-'opening' għat-twieqi u ma jafx jekk qabel kienx lest komplut il-ħadid jew għamilx vireg qabel tal-konkos. Hemm bżonn li jsiru żewġ virgiet hekk kif immarka hu stess fuq Dok. C. Spjega li fuq il-'platform' tal-konkos fejn saret il-kolonna saret mingħajr ma kien jaf hu.

In **riżżami** huwa kkonferma li Formosa ġieli ċempillu fuq dan il-proġett. Spjega li dan kien ikellmu fuq travi u ħadid u kien jgħidlu li ser jagħmillu skizz u jibgħatihielu. Mistoqsi jekk jistax jippreżenta pjanti, huwa spjega li dan il-basement mhux qiegħed fuq il-pjanti approvati iżda sar extra. Sostna li Muscat daqqa kien jgħidlu li jixtieq ikompli jqatta' taħt il-maqjel li għandu u ġieli kien jgħidlu li ma jixtieqx iqatta'. Spjega li ma ġiex maħsub li se jibqa' dieħel iqatta' mingħajr ma jsir travu ieħor. Bilfors irid isir travu ieħor u dan ma ġiex maħsub meta sar dan il-bejt. Spjega li huwa ma taħx modalitajiet lil Formosa peress li Muscat ma kienx għadu deċiż huwiex se jkompli jqatta' jew le. Spjega li huwa ma rax il-ħadid qabel ġie armat tal-konkos iżda mir-ritratta Dok. C jidher li ma kienx hemm vireg hemmhekk. Spjega li l-vireg nieqsa seta' tpoġġew waqt li kien qed jagħti l-konkos. Spjega li jekk m'hemmx vireg, il-problema tista' tiġi solvuta billi issir biċċa konkos fuq il-konkos li hemm.

In **kontroeżami** huwa sostna li ma kienx imdaħħal fil-ftehim li sar bejn Formosa u Muscat dwar it-tħammil tan-naħa t'isfel. Formosa qatt ma kellmu dwar tali ftehim. Spjega li dwar it-tħammil kienet baqgħet qisha 'question mark' x'ser isir. Spjega li huwa ma ħadimx il-kont.

**Godwin Cauchi** xehed fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2014 fejn qal li huwa jirrappreżenta Ta' Damian Reinforcement tax-xibka u tal-ħadid u xogħol bil-krejnijiet. Ikkonferma li huwa jaf lil Joseph Formosa peress li jieħu x-xibka u l-ħadid mingħand il-kumpanija tiegħu. Spjega li ġieli ordna l-krejn għal fuq is-sit fejn ikun ser jaħdem. Spjega li Muscat kien jordna ix-xogħol u huma kienu jieħdu dan ix-xogħol fil-post fejn kien qed jaħdem Formosa. Spjega li dan il-post huwa fejn kellu razzett Salvu ta' Muħa. Spjega li kien qiegħed isir xogħol ta' ħadid u xogħol ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-istruttura. Formosa ordna ħadid, vireg, u ċinturini. Dan il-materjal kien iħallas għalih Formosa.

**Salvu Vella** xehed fil-11 ta' Diċembru 2014 fejn qal li huwa jagħmel il-konkos bir-'ready mix' ta' Vella Brothers. Joseph Formosa kien jordna l-konkos u huwa kien jeħodlu dan il-konkos fejn kien ikun jaħdem. Huwa kkonferma li jaf lil Jimmy Muscat peress li ġieli ħa konkos mingħandhom. Ikkonferma li Formosa ordna xi konkos in relazzjoni ma' xogħol fil-proprjeta' ta' Muscat. Spjega li huwa kemm-il darba bgħatt konkos fil-post ta' Jimmy Muscat. L-ordnijiet kienu jsiru minn Formosa u l-kontijiet kien iħallashom Formosa. Sostna li x-xogħol in kwisjtoni dam madwar xahrejn jew xahrejn u nofs.

**Saviour Bonello** xehed fil-11 ta' Diċembru 2014 fejn qal li huwa 'quantity surveyor' u kien nkarigat minn Joseph Formosa sabiex ikejjel ix-xogħol li għamel lil Jimmy Muscat fi proprjeta' f'Wied San Anard. Kien sar xogħol ta' kostruzzjoni. Kien sar xogħol ta' 'bases' tal-kolonni li kienu daqsxejn mirdumin, il-kolonni, it-travu fuq il-kolonni, estensjoni ta' bini, suletti ta' fuq it-travu ta' fuq il-bini u l-istess ħaġa għal taħt il-planki u s-saqaf. Ix-xogħol tkejjel f'Mejju. Spjega li l-ewwel mar mal-kuntrattur u ħadem il-kont u mbagħad wara li ċċekjawh it-tnejn li huma, kien hemm xi korrezzjoni u għalhekk mar fuq il-post biex jispjega lis-sid. Sussegwentement inħareġ it-tieni kont. Il-kont ngħatat kopja tiegħu lil kull wieħed. Wara t-tieni kont fejn ġie rranġat xi żball li kien hemm wara li ġie vverifikat l-iżball, ħadd ma kellmu li kien hemm bżonn xi korrezzjonijiet oħra.

Ikkonferma li l-ewwel kont kien fl-ammont ta' €18,815 u t-tieni kont kien fl-ammont ta' €18,424. Huwa mar darbtejn fuq is-sit. L-ewwel darba mar mal-kuntrattur u t-tieni darba mar mal-kuntrattur u mas-sid. Il-korrezzjoni li saret kienet fuq il-'bases' tal-kolonni. Ikkonferma li nqala' diżgwid għax qishom ma ftehmux għax beda jingħadd li certu affarijiet ma kinux ġew ordnati mill-Perit. Huwa spjegalhom li kien qiegħed hemm biex ikejjel il-konkos u mhux biex jara x'ordna l-Perit. Kien hemm diverġenzi fil-kobor tal-'bases' tal-kolonni u kien hemm ukoll 'base' ta' kolonna li ma saritx mill-kuntrattur. Kien hemm ukoll xi ħaġa żgħira fis-suletta li tnaqqset għax kienet mirduma minn mal-ħajt .Dawk kienu l-korrezzjonijiet li saru. Ikkonferma li Muscat kien mar id-dar tiegħu biex ikellmu iżda ma laħqux għax kellu n-nies.

In **kontroeżami**, Saviour Bonello spjega li huwa ġie nkarigat biex imur ikejjel mill-kuntrattur. Kien il-bennej li ndika x' xogħol kellu jitkejjel. Huwa jagħmel skizz ta' dak li jkun għamel ħalli jekk ikun hemm xi ħaġa ħażina, tkun tista' titranġa. F'dan il-każ, inħareġ kont ieħor. Spjega li huwa ma jidħolx fi kwistjoni dwar x'materjal intuża u lanqas fil-kwalita' tax-xogħol magħmul. Spjega li għalih dak li huwa importanti huwa li ftehmu fuq il-prezz. Huwa ma jafx jekk kienx hemm ftehim li x-xogħol jitħallas bis-siegħa. Li kieku jkun hemm dak il-ftehim, ma jkunx hemm bżonn li jkejjel ix-xogħol. Huwa sostna li jista' jkun li jkun hemm xi xogħol li jkun ser jitħallas bis-siegħa. Spjega

li huwa għamel skizz ta' dak li ġie mkejjel. Huwa kejjel ix-xogħol li għamel Joseph Formosa għaliex ġie ndikat miż-żewġ partijiet mill-ġdid meta aċċeda fuq is-sit it-tieni darba.

Kompla jgħid li waqt it-tieni aċċess, Muscat kien ilmenta fuq il-'bases' tal-kolonni għax qal li ma kinux fondi biżżejjed daqs kemm indika hu. Spjega li huwa kien qagħad fuq il-kelma tar-rikorrenti. Muscat ilmenta fuq xi travu jew fuq is-sett. Qal li huwa kellu lmenti fuq il-'bases' tal-kolonni u fuq is-suletta. Wara li ġie rranġat it-tieni kont, huwa ma reġa sema xejn mingħand il-partijiet.

In **rieżami** huwa reġa' kkonferma li nħarġu żewġ kontijiet. L-ewwel darba l-aċċess sar fil-preżenza ta' Formosa waħdu u t-tieni darba fil-preżenza ta' Formosa u Muscat. Il-korrezzjoni saret kif ftehmu dak il-ħin fuq il-post. Qabel ma' sar it-tieni kont, saru xi aġġustamenti. Spjega li Muscat kien kixef it-tarf ta' base ta' kolonna u huwa kejjel fuq l-iċken wieħed u l-kejl ta' barra. Spjega li r-rati ta' ħlas jkunu stabbiliti bi ftehim. Jekk ma jkunx hemm ftehim bejniethom, huwa jaħdem bir-rati li jkunu għaddejjin matul il-ġurnata. Sostna li ma kienx hemm problem fuq ir-rati.

In **kontroeżami**, huwa spjega li meta Muscat ħaffer fit-tarf, allura peress li l-'base' ta' kolonna tkun benniena u għalhekk fin-nofs, mhux inqas jkun hemm imma hemm iżjed. Huwa spjega li ma jafx x'kien ordnat. Spjega li huwa ħareġ l-'area' u l-volum li sab b'għajnejh.

**Doreen Formosa** xehdet fid-19 ta' Frar 2015 u spjegat li hija l-mara tar-rikorrenti. Ir-raġel tagħha huwa bennej u ġie nkarigat jagħmel xi xogħol ta' bini fir-razzett ta' Jimmy Muscat. Spjegat li lil Muscat tafu peress li ġieli ġie d-dar tagħhom kemm qabel, waqt u wara li sar ix-xogħol in kwistjoni minn żewġha. Muscat dejjem waħdu ġie d-dar. Spjegat li żewġha u Muscat qablu li bħala bini jitkejjel bil-qasba u kien hemm xi ftit xogħol li kien ser isir bl-idejn, bħal xogħol fejn ma jkunx jista' jitkejjel bħala kejl bil-qasba, li jitħallas bil-ġurnata. Spjegat li hija ġieli marret tieħu l-ikel lil żewġha waqt ix-xogħol. Ix-xogħol dam għaddej xi tlett xhur u kien jikkonsisti bħal bini ta' razzett, soqfa tal-konkos u kolonni u xi xogħol ta' l-idejn.

Spjega li meta imbagħad kien ingħata l-kont, Muscat kien dejjem idawwar id-diskors u jgħidlu li baqa' xi xogħol ieħor xi jsir. Kien ħallas biss €1000 b'ċekk. Il-kont li għadu dovut huwa ta' €19,136. Spjegat li lil Muscat tawħ ċans iħallas iżda mbagħad kellhom javviċinaw avukat. Intbagħtet ittra għal ħlas. Spjegat li wara l-ittra, irċeviet telefonata mill-avukat tagħha biex tmur l-uffiċċu għax kien mar għandu Jimmy Muscat. Dan beda jsemmi l-avukat tal-fqar u telaq 'il barra. Spjegat li ntbagħtet ittra oħra u Muscat baqa' ma jaqbilx mal-kejl u dana minkejja li reġa' mar ikejjel Salvu għax kien hemm ftit żbalji

li ġew irranġati. Ikkonfermat li żewġha kull filgħaxija jikteb fuq id-djarju l-ispejjeż u x-xogħol li jkun għamel.

In **kontroeżami**, Doreen Formosa spjegat li hija kienet preżenti meta Muscat ġie mogħti żewġ karti minn żewġha, liema karti jinsabu a fol 7. Spjegat li suppost hemm karta oħra dwar kemm jiswa l-konkos. Spjegat li kienu ftehmu li ċertu xogħol jitħallas bis-siegħa u ċertu xogħol bil-qasba. Dak il-hin Muscat ma tahom l-ebda pjanta. Spjegat li l-karta a fol 7 ġiet iffirmata minn Muscat fuq insistenza tagħha. Meta mistoqsija fejn hi l-firma ta' Muscat, hija sostniet li suppost iffirmaha għaliex kien qalilha ma tarax aħna rġiel li aħna. Iċ-ċekk ta' €1000 kien indirizzat lil żewġha u kien ċekk jew tal-HSBC jew tal-BOV. Ikkonfermat li dan iċ-ċekk ingħata waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq insistenza ta' żewġha. Ikkonfermat li €1000 għandhom jinqatgħu mill-kont ta' Salvu Bonello. Sostniet li hija kellha xi rċevuti tal-materjal li nxtara iżda ma żżommx kopja ta' dawk li tkun iddikjarathom f'tal-VAT. Qalet li suppost l-'accountant' iżomm kopja tagħhom.

**Joseph Formosa** xehed fid-19 ta' Frar 2015 fejn spjega li huwa jaf lil Muscat bħala klijent li taħ xi xogħol f'razzett li jinsab bejn ix-Xewkija u r-Rabat. Spjega li Muscat kien ġie xi sentejn qabel ma' nbeda ix-xogħol u kien talbu biex ix-xogħol isir kollu bil-ġurnata. Spjega li huwa rrifjuta li jagħmel dan peress li ma jaħdimx bil-ġurnata. Huwa jaħdem biss bil-ġurnata għal dak ix-xogħol li ma jkunx jista' jitkejjel bil-qasba. Wara xi sentejn kien reġa' avviċinah u sar il-ftehim li jinbeda x-xogħol u li jitħallas bil-qasba. Wara xahar li sar dan il-ftehim, inbeda x-xogħol. Huwa kien jieħu madwar 3 jew 4 ħaddiema miegħu fuq ix-xogħol li dam bejn xahrejn u tlett xhur biex tlesta. Meta mar fuq is-sit, sab li kien hemm parti ġia' mibnija peress li kien hemm bennej li kien tkeċċa. Huwa kompla bix-xogħol fejn bena ħitan, kolonni tal-konkos, soqfa tal-konkos, suletti u ħafna affarijiet bħal dawn. Spjega li Muscat ried li jinbena s-sular ta' isfel ħalli mbagħad jittella' s-sular l-ieħor ta' fuqu li kien jikkonsisti f'garaxx kbir ieħor u xi kmamar miegħu. Ix-xogħol ta' isfel intela' madwar €20,000. Spjega li x-xogħol ta' fuq kien ser jintela' bejn wieħed u ieħor l-istess ammont.

Spjega li l-ftehim kien li xħin jagħmillu parti mix-xogħol, jirċievi xi flus u għalhekk xħin ħeles is-sular t'isfel huwa ġab lil Salvu biex ikejjel. Salvu tqabbad minnu biex ikejjel. Spjega li kien għad fadal biss blata ġol-bieb biss biex jingħalaq ix-xogħol ta' isfel kollu. Muscat kien insista li jkompli jagħmillu x-xogħol ta' fuq. Madanakollu, huwa baqa' jinsisti li kellu jġib lil Salvu biex ikejjel u in fatti, dan ġie ikejjel. Muscat ma kienx preżenti għax ma kienx qabad it-telefon meta beda jċempillu biex jinfurmah. Spjega li Muscat kien ġie għal kont u talbu biex ikompli bix-xogħolijiet u li hu kien ser iħallsu. L-attur spjega li huwa rrifjuta li jkompli bix-xogħolijiet qabel jitħallas peress li kulma kien ngħata minn Muscat kienet €1000. Spjega li Muscat kien talbu wkoll biex jiġi

jkompli u jħallsu bil-ġurnata iżda hu baqa' jirrifjuta peress li l-ftehim kien li jitkejjel bil-qasba. Spjega li Muscat beda jgħidlu li ser iqabbad lil xi ħadd ieħor, u huwa kien qallu li wara li jħallsu, jista' jqabbad lil min irid.
Spjega li sussegwentement kien avviċina lill-avukat tiegħu u ntbagħtet ittra. Kompla jgħid li dan Muscat mar għand l-avukat tiegħu iżda dan infurmah li huwa ma jistax jaqdih u għalhekk Muscat beda jsemmi li ħa jmur għand l-avukat tal-fqar. Intbagħtet imbagħad ittra uffiċċjali. Spjega li Muscat beda imbagħad jgħid li l-kejl ma kienx sewwa u għalhekk reġa' sar il-kejl. Kien hemm xi żbalji li ġew irrangati u nstab li kien hemm xi differenza żgħira. Spjega li minkejja li l-kont ġie rivedut huwa baqa' ma ħallasx. Ikkonferma li Muscat kien jaf liema kienu r-rati peress li kienet saret karta bejniethom qabel nbeda x-xogħol. Peress li huwa kien ftiehem li ser jagħmel is-sular ta' fuq ukoll, huwa ma ħax xogħol ieħor u għalhekk tilef xogħol ieħor. Spjega li Muscat kien għaġġlu għax kellu l-permess kien ser jagħlaq. Spjega li kien hemm xi xogħol li kien jitħallas bil-ġurnata u dan kien għal dak li għandu x'jaqsam ma' 'bases' kif ukoll kien hemm xi xogħol li rranġa fih. Spjega li huwa jżomm lista ta' ħinijiet u ta' kemm xogħol ikun sar fid-diary tiegħu. Spjega li mis-somma ta' €19,000 hemm tlett kwarti li huma materjal. Ikkonferma li bċċca minn dan il-materjal ġia' mħallas.

In **<u>kontroeżami</u>**, Joseph Formosa ikkonferma li huwa għandu l-oriġinal tad-dokument a fol 7. Spjega li dik il-karta jagħtiha lil kull min jiġi fejnu biex jaħdimlu. Fiha hemm il-prezzijiet u tirrigwarda xogħol li jkun ser jitkejjel bil-kejl. F'din il-lista ma jkunx imniżżel ċertu xogħol bħal tindif u qtugħ bil-'jigger'. Dak li ma jidhirx fuq il-lista, ikun ser jitħallas bis-siegħa. Ikkonferma li din il-karta ngħatat lil Muscat meta ġie qallu biex jibdihielu x-xogħol. Sostna li mad-dokument a fol 7 jkun hemm karta oħra li fuqha jkun hemm miktub dettalji dwar il-konkos li ser jintuża. Spjega li dwar ix-xogħol li kien ser jitħallas bis-siegħa huwa taħ il-karta wara li sar ix-xogħol għaliex ma kienx jaf kemm il-siegħa ser tintuża. Ikkonferma li kellu tlett ħaddiema miegħu. Fid-diary huwa kien iniżżel il-ġranet li jkun għamel.

Ikkonferma li huwa kompla x-xogħol wara xi bennej ieħor. Sostna li Muscat kien jagħtih struzzjonijiet biċċa biċċa fis-sens li kien jiġi jgħidlu hawnhekk irid issir kolonna u ftit wara kien jgħidlu li ser immur ikellem lil Perit. Huwa inkarigah biex jagħmillu l-kolonni u l-bejt. Sostna li huwa ġie mqabbad biex jagħmel ix-xogħol kollu ossija li jibdew minn sifel u jkomplu fuq. Huwa spjega li qatt ma ra pjanta. Kien jaf kif kien ser ikun is-sular ta' fuq għax kien qallu Muscat.

Sostna li kien hu li ġab lil Salvu Bonello biex ikejjel iżda Muscat ma kienx attenda għalkemm kien avżat. Salvu kien ġie jkejjel darb' oħra u dakinhar kien preżenti wkoll Muscat. Huwa kkonferma li Muscat kien ħallsu €1000 b'ċekk. Sostna li mill-kont ta' Salvu Bonello irid jitnaqqas €1,000 għaliex Bonello jkun kejjel kollox. Insista li l-ftehim

dejjem kien li ser jitħallas bil-qasba u li l-konkos iġibu hu stess. L-elf Ewro ngħatat waqt li kien għaddej ix-xogħol. Mistoqsi jekk waqt li kien għaddej ix-xogħol fir-razzett, huwa kien imur jaħdem x'imkien ieħor, huwa kkonferma li jista' jkun li għamel xi xogħol speċjalment peress li bejn konkos u ieħor ikun irid jistenna.

In **riežami**, ix-xogħol li kellu jitħallas bil-ġurnata kien qtugħ bil-'jigger', qtugħ kolonni, irdim ta' gandott, tpoġġija ta' 'plywood', tpoġġija ħajt għall-bejt u qlugħ tal-ħajt tal-faċċata. It-taħmil ma jiġix maħdum bil-kejl għax ma tkunx taf kemm ser iddum. Insista li d-diskors kien li kien ser jingħata x-xogħol kollu. Muscat kien jurih xi 'sketches' iżda qatt ma ġab il-pjanta miegħu. L-ewwel darba Muscat ma attendiex waqt li kien qed ikejjel Salvu Bonello għaliex huwa kien ċempilu kemm-il darba biex jgħidlu meta kien sejjer Salvu. Meta ġie emendat il-kont, kien hemm differenza ta' madwar 350 ewro jew 400 ewro. Spjega li l-'plywood' intuża biex ix-xogħol ikun iktar lixx, sabiex wara li jinqala' s-shutter, huwa ma kellux għalfejn jiksi iżda kemm jaqbad u jiżbogħ biss. Il-plywood jintuża madwar tlett darbiet.

In **Kontroežami** huwa spjega li kulma kien fadal minn isfel huwa li ssir blata. Spjega li huwa kien ftiehem ma' Muscat li kellu jagħtih il-flus u imbagħad ikomplilu bix-xogħol.

**Jimmy Muscat** ppreżenta affidavit fejn spjega li huwa qabbad lil Joseph Formosa biex ikompli x-xogħolijiet ta' kostruzzjoni fir-razzett tiegħu. Ix-xogħol kien diġa' mibdi minn ħaddiehor u in fatti kien ġia' għamel ċertu ħitan u xi kolonni. Spjega li dan ix-xogħol kien sar sew u ma kellu l-ebda problema bih. Spjega li huwa mar id-dar ta' Formosa u ftehmu fuq x' xogħol kellu jagħmel u fuq il-prezz tax-xogħol. Huwa jaqbel mal-prezzijiet kif indikati f'Dok. A iżda Dok. A kien biss 'quotation' ġenerali.

Sostna li huwa kien ordna li Formosa jlesti l-kolonni, jagħmel 'flash beam' taħt ħajt biex jirfdu kif ukoll li jkompli jibni ħajt fuq in-naħa tat-triq li kien jonqsu madwar erba' filati biex ikunu jistgħu jsiru l-planki. Spjega li l-materjal li pprovda kien il-konkos u ġab l-armar mentri huwa pprovda l-planki. Spjega li Formosa kien qallu li l-konkos ordnah biż-żejt tat-tip C20 to C30. Madanakollu, wara ftit żmien biss il-bejt beda jaqsam u għalhekk ma kienx tal-kwalita' pattwita. Dan il-qsim seħħ dritt wara x-xogħol. Sostna li l-ħsara ġrat meta lanqas kien għad hemm piż fuq il-konkos u għalhekk din il-ħsara tista' taggrava bil-piż.

Spjega li fuq it-twieqi ta' isfel ma saritx xibka u ħadid. Sostna li Formosa suppost wassal ix-xibka sa fuq ir-riħ tat-twieqi mentri Formosa wassal il-konkos mingħajr xibka u mingħajr ħadid. Sostna biex jirrimedja għal dan in-nuqqas, huwa jkollu jew ikisser li sar jew jara kif ser jagħmel blata oħra tal-konkos extra biex jirfed il-bini.

Sostna li problema oħra li hemm fuq l-istess bejt huwa li Formosa għamel it-travu tal-konkos taħt il-bini mingħajr ma ħa ħsieb li l-istess travu ikun b'saħħtu biżżejjed biex jerfa' l-bini. Sostna li Formosa għamel dan ix-xogħol mingħajr ma kellem lil perit inkarigat mill-post u issa qiegħed f'sitwazzjoni li malli jħammel l-ispazju ta' taħtu, ikun hemm problema li jikkrolla l-bini kollu. Sostna li biex jirrimedja għal dan ix-xogħol ħażin, ser ikollu jikkomprometti l-ispazju li għandu jew li jerga' jkisser. Sostna li lanqas jista' jagħmel blata oħra taħtu għaliex hekk ibaxxi l-livell tal-kamra b'filata u nofs. Sostna li anke fil-bokka għall-kaxxa tat-taraġ, l-attur ma wassalx il-ħadid sa fuq it-tarf tal-ħajt. Insista li Formosa kien jaf li qed jagħmel xogħol ħażin. Sostna li l-ħadid kien ta' 10 pulzieri mentri kellu jkun ta' aktar minn pied biex jirfed. Sostna li t-travu tal-konkos ta' 10 pulzieri hxuna ma hux biżżejjed biex jiflaħħ il-bini li hemm u l-bejt.

Kompla jgħid li għandu lment ieħor fir-rigward tal-'platform'. Il-perit Emanuel Vella speċifika li din kellha tkun 5 piedi kwadri 'platform' taħt il-kolonni mentri Bonello fil-kont niżżel kejl akbar. Insista li huwa qatt ma ta ordnijiet biex imur kontra dak li qal il-perit. Sostna li l-problema ta' l-attur kienet li huwa ppretenda li ser ikompli bis-sular ta' fuq u ħa għalih. Sostna li l-ftehim ma kienx hekk. Spjega li l-attur ma riedx li hu jipprovdi l-materjal u dan biex jagħmel profit minn fuqu. Sostna li huwa ried iġib il-konkos peress li kien ġab il-planki hu. Ikkonferma li kien miftiehem miegħu bil-ġurnata u fejn kien hemm bil-qasba, bil-qasba. Insista li huwa ma tellfu l-ebda xogħol. Spjega li huwa kien għaddej b'xogħol ieħor fix-Xewkija. Spjega li l-armar tneħħa kmieni qabel ma' nixef il-konkos u in fatti l-attur kellu xi jgħid mal-ħaddiema. Spjega li koxxa ta' bieb tal-garaxx ma għamlilhiex platform taħtha tal-konkos u dan huwa għalhekk xogħol ħażin.

In **kontroeżami** Muscat spjega li mal-ħaddiema l-oħra li kellu kien ftehim li l-ħlas isir bil-ġurnata. Sostna li ma' Formosa ftiehem bil-ġurnata u bil-konkos bil-qasba. Ikkonferma li r-rati miftehma kienu dawk li jidhru f'Dok. A. Sostna li l-kuntattur preċedenti ma kompliex ix-xogħol għax it-tifel tiegħu beda xogħol mal-gvern. Sostna li huwa qatt ma wera pjanta lil Formosa u qatt ma qallu x'kellu f'moħħu li jagħmel. Spjega li huwa nsista ma' Formosa biex ikomplilu peress li riedhu jeħlislu x-xogħol sal-blata tal-bejt. Dok A kien meħud xi sitt xhur ilu mentri Dok B, Dok D, Dok E, Dok I, Dok J, Dok K u Dok L huma iktar riċenti. Dok C, F u G ittieħdu waqt li kien qed isir ix-xogħol. Spjega li martu kienet qed tieħu r-ritratti waqt ix-xogħolijiet. Meta ġie suġġeriet li l-perit ordna li l-'flash beam' isir ġol-bejt u mhux illi jiddendel, dan sostna li hekk il-'flash beam' ma ġiex b'saħħtu. Mistoqsija jekk hux minnu li l-perit kellu struzzjonijiet minnu li hemmhekk ma kinux ser jinfetħu bibien u ma kienx ser jinqala' taħtu, huwa ċaħad. Ikkonferma li dak il-bejt qiegħed iserraħ fuq dawk il-kantuni iżda xorta jrid jinfetaħ. Insista li fejn ta l-konkos ma hemmx vireg jew xibka. Huwa sostna li ma kienx preżenti waqt li kien qed jingħata l-konkos.

Mistoqsi jekk hux minnu li l-ewwel kien ser isir xogħol ta' ċertu daqs, u mbagħad l-bejt tmexxa iktar 'il barra, huwa kkonferma dan. Xehed li kien hemm toqob li mtlew bil-konkos li kienu saru qabel ma' daħal Formosa fuq il-lant tax-xogħol. Formosa kien ħadem fuq toqob li kienu ġia hemm. Spjega li x-xogħol tal-konkos kien bil-qasba u kien hemm xi xogħol tal-ġebel li kien bil-qasba u biċċa minnu kien bil-ġurnata. Fejn intuża ġebel minn tiegħu, ir-rikorrenti kellu jitħallas bil-ġurnata.

Mistqosi dwar Dok H, huwa qal li ma jafx min għamel dak l-iskizz. Qal li l-qsim li hemm indikat bil-kulur vjola u l-kulur roża huma favur ix-xibka. Mistoqsi jekk fejn hemm ċirku blu, m'hemmx konkos għaliex kien hu stess li ried li tinbena bil-ġebel, huwa ċaħad.

In **<u>rieżami</u>** Muscat sostna li Formosa dejjem ħadem kif ried hu. Ftit li xejn saru laqgħat mal-perit.

Fis-16 ta' Frar 2017, sar konfront bejn il-Perit Emanuel Vella u l-konvenut. Il-Perit Emanuel Vella spjega lli fejn wara li ġie muri Dok D ikkonferma li Muscat ġieli qalu li kellu l-ħsieb li hemmhekk jitqatta'. Spjega li qatt ma tkellmu dwar kemm kellu jkun il-ftuħ biex tidħol għal taħt il-bini eżistenti. Spjega li saret il-'flash beam' u mbagħad kellha ssir deċiżjoni wara dwar il-wisgħa tal-bieb. Spjega li qatt ma ttieħdet deċiżjoni dwar x'fetħa ha jkun hemm biex wieħed jidħol taħt il-blat. Spjega li għalhekk huwa ta struzzjonijiet biex il-'flash beam' tkun waħda li tista' terfa' s-saqaf. Jekk imbagħad jiġi biex jitqatta' taħtu wkoll, jrid isir jew bieb ta' tnax-il pied. Muscat sostna li sar it-travu minn taħt biex jilqa' l-bini u l-bejt ta' fuqu. Sostna li t-travu kellu jsir biex huwa jkun jista' jiftaħ kollu. Sostna li huwa kien ser ikollu ftuħ mal-faċċata kollha minn kolonna sa oħra. Il-Perit Vella spjega li biex it-travu jista' jinqala' kollu taħtu u jkun hemm ftuħ ta' għoxrin pied jew kemm hemm minn kolonna sa oħra, it-travu jrid jiġi mdendel ta' l-inqas żewġ piedi. Għoli wisq ma tantx hemm u għalhekk għalkemm ġieli ġiet diskussa, dejjem tħalliet pendenti.

Il-Perit Vella spjega li dejjem jista' jsir bieb wiesa' li jkun komdu biex wieħed jidħol ġewwa ta' bejn wieħed u ieħor tnax jew tlettax-il pied. Xorta jista' b'hekk wieħed jidħol liberament u jkompli l-iskavar. Spjega li jista' wkoll jsir travu tal-ħadid. Spjega li l-'flash beam' sar biex jerfa' l-bejt u mhux biex jieħu l-bini ta' fuq meta jitqatta' l-blat. Spjega li huwa tkellem kemm mal-bennej u kemm mas-sid. Lis-sid kien ikellmu waħdu fl-uffiċċju tiegħu waqt li l-bennej ġieli kellmu fuq is-sit. Spjega li fuq il-'flash beam' huwa tkellem ma' Muscat u kien qallu li jrid ikun żewġ piedi mdendel 'l isfel biex ikun jiflaħ il-bini ta' fuqu wkoll. Iżda qatt ma ttieħdet deċiżjoni x' l-aħjar li jsir. Huwa ċaħad li tkellem mal-bennej fuq l-'flash beam'. Ikkonferma li l-'flash beam' sar biex jerfa' s-

saqaf biss. Spjega li l-bennej u Muscat ġieli kienu jitkellmu bejniethom u jieħdu deċiżjonijiet bejniethom. Spjega li huwa ma jafx xi ftehmu eżatt Muscat u l-bennej.

Il-konvenut reġa' insista li l-'flash beam' ma ġiex b'saħħtu. Insista li l-Perit Emanuel Vella kien involut fil-kwistjoni tal-'flash beam'. Il-Perit Vella baqa' jinsisti li l-bennej u s-sid kienu jitkellmu bejniethom u li ma jafx xi ftehmu.

**Ikkunsidrat**

**<u>Rapport peritali</u>**

Il-perit tekniku ippreżentat rapport tagħha fejn spjegat li:

"*Mill-ispezzjoni li sar jirrizulta li ffurmaw xi konsenturi fil-bejt tal-konkos rinfurzat li jsaqqaf parti mill-pjan terran tal-proprjeta' tas-Sur Muscat. L-imsemmi bejt huwa indikat fil-block plan annessa bl-ittra A. Dawn il-konsenturi jestendu lateralment minn naha tal-Lvant san-naha tal-Punent tal-bejt … kif ukoll qrib xaft li jifforma parti mill-istess bejt…*

*Il-konsenturi li ffurmaw f' dan il-bejt jidhru li huma shrinkage cracks. Dawn it-tip ta' konsenturi jiffurmaw meta l-konkos ikun qieghed jonqos fil-volum tieghu waqt li l-ammont ta' ilma fih ikun qed jonqos ukoll.*

*Huwa komuni li jitfaccaw dawn it-tip ta' konsenturi fil-konkos rinfurzat peress illi di natura, il-konkos wahdu huwa materjal li jiflah ghal pizijiet ta' kompressjoni u mhux ghal forzi ta' tensjoni (jew gibda). Ir-rinfurzar bil-hadid isir biex jikkumpensa ghal dan in-nuqqas. Pero' ghalkemm ikun prezenti r-rinfurzar bil-hadid fil-konkos, xorta jista' jaghti l-kaz li jiffurmaw konsenturi peress illi l-konkos ikollu tendenza li jingibed hekk kif ikun qed jissolidifa. Dan isir specjalment fix-xhur meta t-temperatura tkun relattivament gholja u ghalhekk il-konkos ikollu bzonn jigi mxarrab bl-ilma regolarment hekk kif ikun qed jissolidiifa biex il-moisture content tieghu ma tinhatafx bis-shana.*

*Mir-ritratti li gew ipprezentati, jidher li tpoggiet xibka doppja kif ukoll vireg tal-hadid ghal l-imsemmi bejt. Gie innotat mir-ritratti li gew ipprezentati li tpoggew vireg kontra d-direzzjoni tax-xibka u tal-vireg principali sabiex jilqghu ghax-shrinkage. Il-Eurocode aghmel kocessjoni ghal shrinkage cracks u ghalkemm fid-dehra tieghu jaghtu fil-ghajn, mhumiex ta' detriment ghas-sahha tal-bejt; dan sakemm jsiru rimedji biex il-bejt ma jipperikolax l-ilma fih.*

*Gew innotati wkoll konsenturi fit-travu u fis-suletta li qed jerghu l-planki tas-saqaf indikat bl-ittra B fil-block plan annessa. Wara spezzjoni minn-naha ta' barra kif ukoll minn naha ta' gewwa jidher li l-konkos tat-travu ma nghatax f' darba. Il-parti tat-travu indikata bl-ittra C tidher li nghatat il-*

*konkos wara l-bqija tat-travu. Il-gonta ta' bejn iz-zewg partijiet ta' l-istess travu tidher cara u l-konsenutra tfaccat fl-imsemmija gonta…Ghalkemm ritratti tar-rinfurzar tat-travi qrib din il-gonta ma gewx ipprezentati, huwa probabli li r-rinfurzar bejn travu u iehor ma jkomplix fuq il-gonta u ghalhekk jista' jkun li tfaccat il-konsentura. Ta' min isemmi li l-gonta u l-konsentura jinsabu direttament fuq kolonna tal-konkos u ghalhekk l-konsentura m'ghandhiex taffettwa l-istabbilita' strutturali tat-travu.*

*Ir-rati tal-kont li gie pprezentat f' Dokument E…u datata 2 ta' Mejju 2014, ir-rati li gew uzati jidhru li huma ragjonevoli. Ma' dan ir-rapport qed nippreżenta rati tipici mis-sena 2014 u 2015.*

In eskussjoni, il-perit tekniku spjegat li 'shrinkage cracks' ma jiffurmawx minħabba piż li jkun hemm mgħobbi fuq il-bejt. 'Shrinkage cracks' jiffurmaw jekk ma jkunx hemm rinfuzar biżżejjed kontra d-direzzjoni tar-rinfurzar prinċipali, skond il-volum tal-konkos u/jew l-'moisture content' tal-konkos jonqos f'daqqa. Spjegat bil-ġurament tagħha li biex jiġi stabbilit il-grad tal-konkos li tqiegħed fuq il-post jinħtieġ li jittieħdu kampjuni fil-forma ta' 'cores' u jiġu ttestjati biex jiġi stabbilit il-grad tal-konkos li ntuża. Ta' min isemmi li biex il-konkos jikkwalifika bħala konkos strutturali, irid ikun mhux iqas minn C24. Spjegat li waqt l-aċċess l-ammont ta' rinfurzar fuq it-twieqi msemmija ma setax jiġi determinat peress li t-tqegħid tal-konkos kien diġa' sar. Mir-ritratti eżebiti, jidher li r-rinfuzar tal-ħadid ma jestendix sa fuq it-twieqi. Spjegat li l-Eurocode, British standard u l-kodiċi tal-prattika jitolbu li l-konkos ikollu ta' l-inqas rnfurzat nominali. Madankollu, ġie notat li d-daqs ta' kull tieqa hija żgħira u għalhekk in-nuqqas ta' rinfurzat f'dik id-distanza żgħira m'huwiex ta' detriment għas-saħħa tal-bejt minkejja li mhux skond il-Eurocode, L-British standard u l-CP110 (Kodiċi ta' Prattika).

Kompliet tgħid li l-iskop għaliex sar l-imsemmi 'flash beam' kif ukoll għal liema piż kien intenzjonat u ddisinjat li jiflaħ, jkun jista' jikkonfermah min iddisinjah. Spjegat li ma kellix x'jindikalha li l-blat ta' taħt il-'flash beam' eżistenti kellu jitneħħa. Spjegat li jidher li l-funzjoni tal-'flash beam' kien jiddistribwixxi l-piż tal-bejt fuq it-terren eżistenti u mhux biex jerfa' l-piż tal-ħajt ta' fuqu. It-tul tal-'flash beam' eżistenti huwa ta' madwar 6 metri. 'Flash beam' li jkollu fond ta' 230 mm normalment it-tul tagħha jkun limitat għal 4.1 metri. Il-perit tekniku sostniet li spjegazzjoni raġonevoli għalfejn ċertu travi bi 'span' ta' 4.8 metri u li ser jieħdu piż fuqhom ġew iddisinjati bħala travi tal-konkos bil-fond ta' żewġ filati u nofs mentri travu li qed jingħad li għandu 'span' ta' 6 meetri ġie ddisinjat bħala 'flash beam' b'fond ta' 250mm, hija li l-funzjoni tal-'flash beam' kien biex jiddistribwixxi l-piż tal-bejt fuq it-terren eżistenti u mhux biex jerfa' l-piż tal-ħajt.

Spjegat li rigward jekk id-daqs tal-pjattaforma tal-konkos jikkonformawx ma' kif ġew iddisinjati jew le, hija sostniet li s-sottoswol hu tal-franka tal-wiċċ li jiflaħ ammont

sostanzjali ta' piż. Fl-antik fejn is-sottoswol kien tat-torba li jiflaħ anqas mill-franka tal-wiċċ, ma kienx jintuża konkos rinfurzat fil-pedamenti tal-ħitan tal-kmamar, għar-raġuni illi dan it-tip ta' sottoswol jiflaħ għal bini ta' żewġ sulari w aktar. Spjegat li meta l-konkos ikun qed jinxef wara li jitqiegħed, il-'moisture content' tiegħu jkun qed jonqos. Dan isir f'kwalunkwe żmien, pero ir-rata ta' kemm jonqos il-'moisture content' fil-konkos tiddependi ħafna mit-temperatura ta' l-arja u l-umdita'. Fix-xhur tas-Sajf, il-'moisture content' fil-konkos jonqos ħafna aktar malajr meta mqabbel max-xhur tax-xitwa. Għalhekk huwa importanti li l-konkos jiġi mxarrab bl-ilma regolarment hekk kif ikun qed jinxef, biex il-'moisture content' ma jonqosx f'daqqa u biex tnaqqas kemm jista' jkun il-formazzjoni ta' 'shrinkage cracks'.

Spjegat li l-Eurocodes huma standards Ewropej li fihom huwa speċifika kif id-disinn strutturali għandu jitwettaq fil-pajjiżi membri tal-unjoni Ewropea. Apparti l-eurocodes, jintuża wkoll il-British standard u l-Kodiċi tal-Prattika. Kemm il-Eurocode u kemm il-British standard jagħmlu referenza għal 'maximum crack width' li m'għandu jaċċedi 0.2 mm fil-każ ta' ġwiebi u 0.3 mm f' każijiet oħra. Il-konkos minnu nnfisdu mhux 'waterproof' u jassorbi l-ilma. L-ilma jagħmel ħsara fil-kokos rinfurzat. Għal din ir-raġuni kull tip ta' konkos rinfurzat jinħtieġ li jkun protett mit-tixrib ta' l-ilma rrispetivament jekk ikunx fih konsenturi jew le. Spjegat li jekk il-bejt tal-konkos ikollu konsenturi aċċettabbli, il-'waterproofing' jelimnia kull ħsara li jista' jikkaġuna l-ilma lill-bejt.

Spjegat li rigward l-konsentura fil-ġonta, it-travi jistgħu jkunu ddisnjati bħala 'simply supported' jew bħala 'continuous beam'. Dan ikun ikkalkolat skond il-piżijiet li huwa intenzjonat jerġa' t-travu kif ukoll id-daqs u l-'ispan' tiegħu. Spjegat li din it-tip ta' konsentura tista' tkun ikkaġunata minħabba li jkun iddinsjat bħala 'simply supported' u għalhekk il-ħadid ma jestendix fit-travu ta' maġenbu jew inkella għax ikun qed jerfa' piżijiet aktar milli jiflaħ li ma jidhirx li huwa l-każ. Spjegat li jekk isir kontrabejt u 'waterproofing', l-ingress t'ilma minn ġol-konsenturi għandu jieqaf,. Id-dokumenti a fol 255 - 258 li ġew ippreżentati jikkonsistu f'rati li kienu jintużaw biex jinħadmu l-kontijiet tal-kuntratturi f'dak iż-żmien.

**Ikkunsidrat**

**<u>Evalwazzjoni fil-mertu</u>**

Irriżulta li l-attur ġie nkarigat mill-intimat biex jagħmillu xi xogħolijiet fil-fond tiegħu f'Wied San Leonardu limiti tax-Xagħra, Għawdex. L-attur ipproċeda b'din il-kawża sabiex jitħallas għax-xogħol li għamel u in fatti qed jitlob is-somma ta' €19,136.17ċ. Qed jitlob ukoll li jiġu likwidati danni u telf ta' qliegħ stante li l-ftehim ma ġiex onorat

da parti tal-konvenut. Il-konvenut ikkontesta dawn it-talbiet billi sostna li t-talba tal-attur hija intempestiva peress li sallum għadu ma nħareġ ebda kont li qablu dwaru l-partijiet. Intqal li x-xogħol li għamel l-attur ma sarux kif ordnati u f'xi bnadi ma sarux skont is-sengħa u l-arti. Ġie eċċepiet ukoll illi ma hux minnu li l-attur kellu xi kuntratt jew xi ftehim ta' appalt fejn ġie inkarigat biex jagħmel xogħolijiet oltre minn dak li fattwalment saru.

Il-konvenut sostna fir-risposta ġuramentata li mhuwiex minnu li l-attur ġie mqabbad biex ikompli s-sular ta' fuq. Il-konvenut qabel li huwa ġie muri Dok A mir-rikorrenti u li sar qbil dwar il-modalitajiet tax-xogħol pero' l-attur ma mexiex ma' dak il-ftehim u mad-direzzjonijiet tal-perit Vella.

Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari, din il-Qorti sejra tiċħadha stante li mill-interpellazzjonijiet magħmula u eżebiti flimkien mar-rikors ġuramentat, jirriżulta li l-konvenut kien ġie mgħoddi kont, iżda huwa ma kienx qed jaqbel li jħallsu. L-attur ipproċeda b'din il-kawża bħala l-aħħar mezz li kellu sabiex jipprova jitħallas għax-xogħol li għamel.

Dwar l-eċċezzjoni li x-xogħolijiet magħmula mill-attur ma sarux kif ordnati u f'xi bnadi lanqas ma saru skont is-sengħa u l-arti, din il-Qorti tqis li mill-provi prodotti u ċioe' mix-xhieda li semgħet kif ukoll mill-konkluzzjonijiet raġġunti mill-perit tekniku maħtur minn din l-istess Qorti hekk kif diversament ippreseduta, din l-eċċezzjoni lanqas ma ġiet ippruvata. Din il-Qorti tqis li l-konsiderazzjonijiet mressqa mill-perit tekniku nkarigat minnha, huma ta` min joqgħod fuqhom u dana anke in stregwa ta` ġurisprudenza kostanti li affermat li l-konstatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta` natura teknika li jsiru minn perit maħtur mill-Qorti jikkostitwixxu prova mportanti għall-ġudikant biex ikun jista` jasal għad-deċiżjoni tiegħu. Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "Calleja vs Mifsud", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet li:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostittwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kelllho bhala jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero' huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti bili l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-attiu hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm Hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta` espert in materja. B` danakollu dan ma jfissrix illi l-qorti ma kellhiex thares b` lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa*

*u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacenement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konkluzzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum transit in rem judicatem), fl-istess waqt, dak ma jfissirx li "*qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhox ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.*" ("Grima vs Mamo et noe" – Qorti ta` l-Appell – 29 ta` Mejju 1998).

Għalhekk, "*qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzzjoni ta' tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-kovinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.*" ("Cauchi vs Mercieca" – Qorti ta` l-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 u "Saliba vs Farrugia "– Qorti ta' l-Appell – 28 ta` Jannar 2000).

Din il-Qorti tirrileva wkoll bħala fatt illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tiegħu, saret biss l-eskussjoni tal-perit tekniku u ma gewx appuntati periti addizzjonali. F` "Bugeja et vs Muscat et" (Qorti ta` l-Appell – 23 ta` Gunju 1967), intqal li l-"*giudizio dell` arte espressa mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti, jirriżulta li l-ilmenti li qajjem il-konvenut ma kinux ta' tali natura li jammontaw għal xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Dwar l-konsenturi li ffurmaw fuq il-bejt, il-perit tekniku u anke l-perit inkarigat mill-istess konvenut, ikkonfermaw li huwa komuni li jseħħu tali konsenturi. Il-perit tekniku nkarigat mill-Qorti għaddiet biex tispjega li l-Eurocode jagħmel konċessjoni għal 'shrinkage cracks' u li l-istess mhumiex ta' detriment għas-saħħa tal-bejt. Dwar il-konsenturi fit-travu u fis-suletta li qed jerfgħu l-planki tas-saqaf, irriżulta wkoll li l-konsentura ma għandhiex taffettwa l-istabbilita' strutturali tat-travu. Dwar l-ilment tal-'flash beam', din il-Qorti tqis li dan sar bl-iskop li jerfa' s-saqaf. Irriżulta mix-xhieda tal-perit Vella li kien il-perit tal-istess konvenut, li l-konvenut kien indeċiż jekk kienx ser jiskava taħtu. Kien għalhekk li l-'flash beam' sar b'dan il-mod. Dwar ilmenti oħra mqajjma, il-Qorti tqis li dawn ma ġewx sodisfaċentement ippruvati mill-konvenut. Għaldaqstant, ma tqisx li l-eċċezzjoni li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti jew li ma sarx skont kif ordnat ġiet ippruvata.

Dwar l-ammont reklamat, il-Qorti tqis li skont Dokument E, l-ammont ta' xogħol li tkejjel kien jiswa €18,424.92ċ. Flimkien ma' dan l-ammont, għandu jiżdied is-somma ta' €711.25ċ li huwa l-ammont ta' xogħol li sar mill-attur u li kellu jitħallas bil-ġurnata. Għalhekk l-ammont globali jġib is-somma ta' €19,136.17ċ. Minn dan l-ammont għandha titnaqqas is-somma ta' €1,000 li tħallset mill-konvenut meta kien inbeda x-xogħol. Għalhekk, l-ammont li għandu jitħallas hija fis-somma ta' €18,136.17ċ. Il-Qorti sejra toqgħod fuq dawn l-ammonti peress li l-konvenut stess ammetta li ġie mgħoddi Dok A a fol 7 mir-rikorrenti. Irriżulta mir-rapport tal-perit tekniku maħtur mill-qorti li r-rati huma raġonevoli. Dwar il-kejl tax-xogħol, irriżulta li min kejjel mar darbtejn u fit-tieni darba ġie korrett il-kont anke wara li kien preżenti l-istess konvenut. Għalhekk, l-ammont li jirriżulta mill-kont ippreparat minn Saviour Bonello għandu jitqies bħala wieħed korrett (Dok E). Dwar il-kalkoli tax-xogħol li kellu jitħallas bil-ġurnata, huwa minnu li r-rikorrenti naqas li jippreżenta d-djarju tiegħu fejn kien jieħu n-notamenti. Madanakollu, l-attur u l-mara tiegħu kkonfermaw dan il-kont ukoll. Ma jidhirx li l-konvenut qajjem xi ilmenti dwar dik il-parti tal-kont stante li l-ilmenti kienu jirrelataw ix-xogħol li tkejjel minn Saviour Bonello.

Dwar l-interessi u minn meta għandhom jibdew jiddekorru, din il-Qorti tqis li dawn għandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat u dana stante li fl-ewwel ittra uffiċċjali, l-attur kien qed jitlob ammont differenti minn dak li effettivament intalab permezz ta' din il-kawża. Il-Qorti qed tiddeċiedi hekk stante li f`dawn iċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ser ikollha tapplika l-prinċipji li jiggvernaw dekors ta` imgħax f`każ li ssir talba għal somma speċifika li tiġi ridotta mill-Qorti. Dwar tali kwistjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Prim' Awla mogħtija fit-28 ta` Jannar 2016 Kawża Nru. Rik. Ġur. Nru. 108/12 JZM **Safe Trading Company Ltd vs France Bonavia**:

*"Dwar il-kwistjoni tal-imghax, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza "***Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs James Gollcher nomine et***". Hemm inghad illi l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza fil-kaz li l-ammont likwidat mill-Qorti jkun ferm anqas mill-ammont mitlub fic-citazzjoni.*
*Inghad hekk:-*

*"L-uniku aggravju tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited, li din il-Qorti ssib gustifikat huwa dak fir-rigward tal-interessi. Is-socjeta` tissottometti illi una volta l-ammonti likwidati mill-ewwel Qorti kienu ferm anqas minn dawn mitluba, kwalunkwe interessi kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u mhux min-notifika tal-att tac-citazzjoni. Dana a bazi ta` diversi sentenzi fosthom "***Noel Ellul vs James Gollcher***" tas-27 ta` Novembru 1996 (KM 1273/72).*

*Din il-Qorti taqbel ma` dan l-aggravju anki ghaliex hi tal-fehma illi una volta jkun stabbilit illi d-dokumenti portwali kienu attendibbili u l-kaz tas-socjeta` attrici kien jiddependi fuqhom, hi kienet, sa minn qabel ma pprezentat l-att tac-citazzjoni, f`pozizzjoni li tiddetermina x`kien l-ammont ta` danni li setghet tirriklama a bazi ta` dawn id-dokumenti.*

*Una volta l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment, ukoll kondiviz minn dina l-Qorti, li ma jidhriliex li kellha tiddisturba l-apprezzament taghha, illi ma kellhiex tikkunsidra danni ohra mhux inkluzi f`dawn id-dokumenti portwali, tohrog wehidha l-konkluzjoni illi l-ammont kanonnizzat fis-sentenza appellata u kif likwidat f`dawn il-proceduri hu ferm `il boghod minn dak mitlub fit-talba attrici. Dana apparti l-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet fir-rigward tas-survey fees li wkoll notevolment ivarjaw f`somma pretiza mis-socjeta` attrici u li accentwaw l-element tal-likwidazzjoni fil-prezenti procedura.*

*Kien xieraq ghalhekk illi l-imghax jibdew jiddekorru mid-data tal-ewwel sentenza. Naturalment mhux mid-data ta` din is-sentenza billi biha xejn ma kien qed jigi varjat mid-decide tal-mertu fis-sentenza appellata."*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-17 ta` Frar 2003 fil-kawza "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Paul Tabone**" inghad illi meta avviz jikkontjeni talba specifika ghal somma determinata, jibda jiddekorri l-imghax fuq tali somma u l-fatt li l-Qorti tkun irriduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma hekk ridotta.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk:*

*"Fuq l-aggravju ta` l-interessi u d-dekorriment taghhom il- Qorti tinnota li fil-korp ta` l-avviz l-atturi talbu somma determinata u specifika. Jirrizulta li l-atturi nterpellaw gudizzjarjament lill-konvenut ghall-hlas taghha in sodisfazzjoni tad-danni pretizi. Dan jibbasta biex l-ammontreklamat jibda jattratta l-interessi ("**O`Connor – vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora". Kienet ghalhekk ghal kollox korretta l-ewwel Qorti meta pprovdiet li l-imghaxijiet legali jibdew jghaddu minn Lulju 1999."*

*Issir ukoll riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-5 ta` Marzu, 2003 fil-kawza "**Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe**". Hemm inghad illi l- mghaxijiet fuq dejn civili ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju. Inghad ukoll illi sabiex jiddekorru l-imghaxijiet, l-interpellazzjoni trid tkun wahda specifika ghall-hlas ta` ammont ta` flus u mhux semplici ntimazzjoni lid-debitur sabiex iwettaq lobbligi kontrattwali tieghu.*

*Fl-ispecifiku inghad hekk:-*

*" … kif jinsab stabbilit fl-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili "limghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju". B`aktar precizazzjoni jinsab ritenut illi "per far decorrere gli nteressi deve essere una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" ("***O`Connor –vs- Bruno Olivier***", Vol XVI pI p84)."*

*Il-Qorti ssib illi fil-kaz tal-lum l-interpellazzjoni ghall-hlas ta` l-ammont ta` €16,804 saret permezz ta` ittra ufficjali pprezentata fil-15 ta` Settembru 2011. Mhux kontestat li dan l-att gudizzjarju kien notifikat lill-konvenut.*

*Wara li hadet kont tal-gurisprudenza citata, il-Qorti tirrileva illi billi l-ammont originarjament mitlub mis-socjeta` attrici qieghed ikun ridott bi ftit inqas minn hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) li, il-fehma ta` din il-Qorti, ma jikkwalifikax bhala ftit, u dan wara process ta` likwidazzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax legali ghandu jiddekorri b`effett mil-lum."*

Bl-istess ragonament fuq utilizzat, jidher li r-riduzzjoni ta' €1,000 hija waħda minima u għalhekk din ir-riduzzjoni ma tikkwalifikax bħala ftit. Tenut kont ta` dan kollu, din il-Qorti sejra għalhekk tordna li l-imgħax legali jibda jiddekorri b`effett mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat.

Dwar it-talba għal likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' danni u telf ta' qliegħ allegatament sofferti mill-attur, din il-Qorti tqis li apparti li ma tressqux provi konvinċenti dwar f'hiex jikkonsistu dawn id-danni u t-telf ta' qliegħ u dwar il-kwantum allegatament soffert, mix-xhieda ta' l-istess attur jirriżulta li dan baqa' jaħdem xogħol ieħor anke waqt li kien qed jaħdem fuq is-sit tal-konvenut. In fatti, huwa qal li sakemm ikun qed jinxef il-konkos, huwa kien imur jaħdem banda oħra. In oltre, il-Qorti mhijiex konvinta li kien hemm ftehim espress bejn il-partijiet li l-attur kellu jibni s-sular l-ieħor ukoll. Mix-xhieda ta' l-attur u tal-konvenut irriżulta li l-attur lanqas qatt ma ngħata pjanta tax-xogħolijiet u li l-informazzjoni li kien jingħata mill-konvenut kienet biċċa biċċa. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li l-attur pprova t-tielet u r-raba' talba tiegħu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

i. **Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut;**

ii. **Tiċħad it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut filwaqt li tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur fis-sens li tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmintax-il elf, mija u sitta u tletin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€18,136.17ċ) rappreżentanti ħlas dovut fuq xogħolijiet eżegwiti fis-sit f'Wied San Leonardu, Limiti tax-Xagħra Għawdex fuq inkarigu tal-konvenut stess;**

iii. **Tilqa' t-tieni talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konveut iħallas dan l-ammont dovut ta' ta' tmintax-il elf, mija u sitta u tletin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€18,136.17ċ) b'mod immedjat flimkien ma' l-interessi legali li għandhom jitqiesu li bdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-konvenut ta' dan ir-rikors ġuramentat promotur;**

iv. **Tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur filwaqt li tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut;**

v. **Tordna li l-ispejjeż relattivi mal-inkarigu mogħti lill-perit tekniku, ma' l-ittra uffiċċjali numru 243/2014 u l-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża jitħallsu b'mod intier mill-konvenut; filwaqt li r-rimanenti spejjeż jiġu sopportati in kwantu għal tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.**

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur